Laqgħa tal-Kunsill Lokali Ix-Xewkija

IT-TMIEN LEĠISLATURA

29 ta' Diċembru 2023

Il-Kunsill Lokali tax-Xewkija iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill fi Triq Santa Katerina, Xewkija, Għawdex. Il-laqgħa bdiet fl-4.37 ta' wara nofsinhar.

---

PREŻENTI:

Hubert Saliba - Sindku

Jeanelle Attard - Kunsilliera

Johnny Vella - Kunsilliera

ASSENTI B'APOLOĠIJI(skond Ordni Permanenti 14A (3)):

Paul Azzopardi- Viċi Sindku

Domenic Zerafa – Kunsillier

ASSENTI:

UFFIĊJAL PREŻENTI:

Marion Attard - Segretarju Eżekuttiv

HB CX

## 63.1 Qari tal-Ittri ta' Apoloġiji

63.1.1 Ma kienx hemm ittri t'apoloġija.

## 63.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti

63.2.1 Il-minuti tal-laqgħa Nru 62 kienu mibgħuta qabel il-laqgħa. Dawn ittieħdu bħal moqrija. Dawn ġew approvati unanimament u ffirmati mis-Sindku u s-Segretarju rrispetivament.

## 63.3 Komunikazzjoni mis-Sindku

63.3.1 Is-Sindku rrefera għal-Laqgħa li kienet saret bejn membri mill-Kunsill, il-Kap tal-Iskola Primarja tax-Xewkija, u rappreżentant mill-Anzjanita' Attiva dwar l-'*Intergenerational Project'*. Huwa wera x-xewqa li dan il-proġett jitkompla din is-sena ukoll.

*4:43* Daħlet fil-laqgħa Sephora Debrincat.

Is-Sa Debrincat, rappreżentant mill-Anzjanita' Attiva, preżentat draft tal-Memorandum of Understanding tal-Intergenerational Programme bejn il-Kunsill Lokali Ix-Xewkija, l-Iskola Primarja GC Roża Magro tax-Xewkija, u l-'Active Ageing and Community Care'. Ġew diskussi diversi punti maħruġa mil-laqgħa preċedenti fosthom is-suġġetti tal-Proġett għal dis-sena, wirja fl-għeluq ta' dal-programm għal dis-sena b'diversi xogħolijiet li jkunu saru matul is-sessjonijiet. Fost is-suġġetti msemmiha kien hemm; Ikel Tradizzjonali, Storja, Għana, Folklor, Kollezzjoni u Storja tal-Bollol, Boċċi, Nasses, Mastrudaxxa, Bizzilla. Ġie deċiż li jiġu avviċinati diversi individwi anzjani sabiex joffru dawn is-sessjonijiet lill-istudenti.

*5:05* Sephora Debrincat ħarġet mil-laqgħa.

63.3.2 Is-Sindku kkomunika mal-Kunsill l-istat fil-proċess ta' diversi proġetti li hawn għaddejjin fil-preżent. Fosthom hemm il-proġett tal-Landscaping tal-bandli tal-Ħamrija, fejn qal li bħalissa qed nistennew mingħand il-Ministeru Għal Għawdex. Proġett ieħor li l-Kunsill għadu kif irċieva d-disinni tiegħu huwa dak tal-Masġar ta' Blankas. Is-Sindku rrefera ukoll għal-laqgħa li kienet saret mal-Perit dwar il-proġett tal-Learning Hub, fejn qal li ser isiru xi alterazzjonijiet fil-pjanta tal-binja. Dwar l-Eco Park fiż-żona tal-Barmil is-Sindku qal li l-Kunsill għadu qed jistenna id-DNO.

63.3.3 Is-Sindku ppreżenta fuq il-mejda tal-Kunsill kwotazzjoni għall-Blower li ser jintuża għal-skopijiet ta' tindif fil-playing equipment fil-Bandli tal-Ħamrija. Il-kwotazzjoni hija ta' €200 u l-Kunsill qabel unanimament li tinxtara.

HS CX

## 63.4 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsilliera

63.4.1 Il-Kunsilliera Jeanelle Attard staqsiet lis-Sindku dwar il-Cables li hemm fi Pjazza San Ġwann Battista, fejn dawn għadhom imdendlien mad-djar minkejja li kienu għaddew is-servizzi minn taħt il-pavimentar sabiex eventwalment ikunu jistgħu jinżlu taħt l-art. Is-Sindku stqarr li minkejja li dan il-proġett m'huwiex tal-Kunsill, hu xorta tkellem diversi drabi sabiex isir dan ix-xogħol iżda minkejja dan l-ebda kuntrattur ma tefa t-tender biex iwettaq dan ix-xogħol.

63.4.2 Il-Kunsilliera Jeanelle Attard issuġġeriet biex isiru Speed Cameras f'diversi toroq urbani fix-Xewkija b'mod speċjali fi Triq l-Imgarr minħabba l-periklu li qed ikun hawn fit-toroq kawża tas-sewqan eċċessiv. Il-Kunsill qabel li għandu jara x'jista jsir.

63.4.3 Il-Kunsilliera Jeanelle Attard fittxet dwar 'sensory equipment' sabiex inkunu nistgħu niġbru l-kwotazzjonijiet tagħhom, b'hekk inkunu nistgħu nibagħtu l-istimi lill-Ministeru għall-Inklużjoni, il-Volontarjat u d-Drittijiet tal-Konsumatur.

63.4.4 Il-Kunsilliera Jeanelle Attard staqsiet dwar l-Antenna ta' Triq tal-Ġidi li kienet issemmiet fil-laqgħa numru 62. Is-Segretarju Eżekkuttiv wieġeb li minkejja intbagħat lill-awtoritajiet konċernati, s'issa l-Kunsill kien għadu ma rċieva xejn dwar dan.

63.4.5 Il-Kunsilliera Jeanelle Attard staqsiet dwar id-dawl tal-bandli tal-Ħamrija. Is-Sindku qal li avviċina lill-kuntrattur, fejn infurmah li l-meter tad-dawl lest u li issa kien imiss ix-xogħol min-naħħa tiegħu.

63.4.6 Is-Sindku semma dwar il-problema tad-drenaġġ fil-lattrina tal-Pjazza. Il-Kunsill qabel li ser navviċinaw l-awtoritajiet konċernati biex ikun jista jiġi analizzat il-problema min fejn hi ġejja, u b'hekk issir it-tiswija meħtieġa.

## 63.5 Karnival

63.5.1 Il-Kunsill qabel unanimament li l-Karnival tax-Xewkija jsir il-Ħadd 11 ta' Frar 2024 fi Pjazza San Ġwann Battista. Dan jibda b'servizz ta' marċi karnivaleska mill-Banda Prekursur minn Triq San Bert fid-9:30am u jispiċċa fil-Pjazza, fejn dritt wara jingħata bidu għall-programm imħejji li jinkludi żfin, kostumi, maskarati, settijiet ta' maskri grotteski, karrijiet u divertiment ieħor.

63.5.2 Is-Segretarju Eżekuttiv preżenta lill-membri tal-Kunsill il-lista tal-kumpaniji tal-Karnival li kienu wrew interess sabiex jipparteċipaw fil-Karnival tax-Xewkija. Il-Kunsill qabel unanimament li l-ammont ta' ħlas lill-parteċipanti għandu jonqso mis-sena l-għaddiet. Hawnhekk ġie deċiż li kumpaniji b'danza hilarious jitħallsu €100, kumpaniji b'sett maskri grotteski €200, kumpaniji b'danza bil-kostum €150, kumpaniji

HB CX

b'karru kbir €250. Il-Kunsill qabel li għandu japplika għall-għajnuna finanzjarja mill-Gozo Cultural Fund.

63.5.3 Il-Kunsill qabel li bħas-snin l-imgħoddija ssir il-Prinjolata, u din titqassam b'xejn lil dawk preżenti waqt l-isfilata tal-Karnival.

63.5.4 Il-Kunsill iddiskuta inizjattiva ġdida għall-Karnival ta' din is-sena bix-xewqa li terġa tqajjem l-entużjażmu fost it-tfal waqt li jkunu lebsin ta' maskarati. Il-ħsieb tal-Kunsill huwa li ssir kompetizzjoni tat-tfal waqt din l-isfilata, għall-aqwa maskarat kreattivi. Għal din il-kompetizzjoni ġie deċiż li navviċinaw lill-Għaqda Milied Xewkija sabiex tieħu ħsieb li ssib 3 persuni bħala ġurija ta' din il-kompetizzjoni. Ta' dan, l-Għaqda ser tkun qed tieħu l-ħlas ta' €150.

63.5.5 Il-Kunsill iddiskuta u pjana l-loġistika tal-programm tal-Karnival u qabel li għandna navviċinaw lil xi għaqda volontarja mix-Xewkija sabiex tħejji Poster tal-Karnival, sabiex dan ikun jista jittella' kemm fuq il-midja soċjali, kif ukoll jitwaħħal f'żoni prominenti. Ġie deċiż li għal din l-attivita navviċinaw lill-Grupp Organizzattiv tal-Ħamrija sabiex jieħu ħsieb li jagħmel il-poster bi ħlas ta' €100.

63.5.6 Il-Kunsill qabel unanimament li navviċinaw lill-fotografu Luke Galea sabiex joffri s-servizz tiegħu waqt il-Karnival.

## 63.6 Performance Bonuses tal-Ħaddiema Klerikali u s-Segretarju Eżekuttiv

Qbil unanimu dwar il-Performance Bonus.

## 63.7 Ħatra tal-Bord tal-Evalwazzjoni- Kwotazzjoni Supply & Installation oa Perimeter Fence

63.7.1 Approvazzjoni tar-Rapport tal-Evalwazzjoni- Kwotazzjoni Supply & Installation of a Perimeter Fence

## 63.8 Korrispondenza u Ilmenti

24/11/2023 Cir AKL 2023/110_sCooL2Walk Seminar 11/12/2023.
24/11/2023 Celebrating Inclusion – 20 years on (seminar Federazzjoni Għawdxija Persuni b'Diżabilita').
24/11/2023 Invit Jum Fontana.
27/11/2023 Il-Festin tal-Milied flimkien mal-Kunsill Reġjonali ta' Għawdex it-Tlieta 12 ta' Diċembru, 2023.
29/11/2023 Ċirkulari nru 20 tal-2023 – Proċeduri ta' Set Off bejn il-Kunsilli Reġjonali u l-WasteServ.
29/11/2023 Ċirkulari nru 21 tal-2023 – Proċeduri ta' Invoicing bejn il-Kunsilli Reġjonali u l-Kunsilli Lokali għas-Servizz ta' Ġbir tal-iskart imħallat u tipping fees.
29/11/2023 Ċir AKL 2023/092_MIEMA_Meeting with Regional Councils.
29/11/2023 Qbil dwar żieda addizzjonali fuq żidiet eżistenti.
29/11/2023 Inizjattiva Milied Solidali 2023 mill-Kunsilli Reġjonali ta' Għawdex.
29/11/2023 Cir AKL 2023/106_Kunsill Reġjonali tat-Tfal 22/11/2023.

HS CX

30/11/2023 Korripondenza rigward l-attivita Rigal b'Imħabba mingħand id-Dipartiment tal-Gvern Lokali.
30/11/2023 Korrispondenza mingħand is-Segretarja Eżekuttiva lis-Sindku u Kunsilliera dwar l-attivita Rigal b'Imħabba.
01/12/2023 Cir AKL 2023/105 Polza tal-Assigurazzjoni tas-Saħħa 2024.
05/12/2023 Cir AKL 2023/112_The 2023 Jolly Jumper Team Building Event.
05/12/2023 Information Session – Asoylum Migration and Integration Fund (AMIF) 2021-2027.
11/12/2023 Invitation for Christmas Concert – Skola Rosa Magro Xewkija.
12/12/2023 Invitation JP2 Cultural Foundation Invitation 18-12-2023 St. Margaret Parish Church.
14/12/2023 Korrispondenza fuq Christmas in Gozo Rigal b'imħabba – Stedina mingħand Joseph Sultana nhar it-Tlieta 19 ta' Diċembru, 2023 fil-Villa Rundle.
17/12/2023 Korrespondenza mingħand Dr. Lydia Abela fuq l-Attivita – Rigal B'imħabba.
19/12/2023 Cirk Nru 22/2023 - Allokazzjoni finanzjarja għall-2023.
20/12/2023 Cir Nru 2023/109 Christmas Get Together 16/12/2023.
22/12/2023 Cir AKL 2023/115_Ejja Magħna Sa....
22/12/2023 Aġenda Nru 63 laqgħa ser issir fid-29 ta' Diċembru, 2023 fl-4.00p.m..
28/12/2023 Minuti Laqgħa 62 u Skeda ta' Pagamenti mibgħuta lis-Sindku u Kunsilliera mis-Segretarja Eżekuttiva.

<u>Ilmenti</u>

30/11/2023 Maria Borg ID 54156(G) Mob: 79559470 ilmentat li hemm kaxxa tad-'Disabled Parking' quddiem 56 Triq San Bert, Xewkija u qalet li min kien juza kelli mikri l-imsemmi post u issa huwa msiefer.
30/11/2023 Il-Kunsilliera Jeanelle Attard rrispondiet fuq l-korrispondenza Rigal b'Imħabba.
06/11/2023 Biex titranġa t-Triq quddiem ta' Wistin Dingli li joqgħod Triq it-Torri Gorgun għax qed jidħolhu l-ilma ġol-garaxx. Tel: 21554225/79323648, ID. 567753G.
06/11/2023 Rapporti mingħand ir-Resident ta' Triq Arċipriet Grech dwar is-sitwazzjoni li tinsab fiha t-Triq speċjalment il-ġewwa tat-Triq.
11/12/2023 Hemm żewġt tappieri fuq bankina biex jitranġaw waħda Triq Ħamrija u oħra Triq San Ġwann dawn ilhom xhur imkissra u qegħdin perikolużi.
15/12/2023 Biex issir 'Sleeping Police' Triq Sant'Indrija minħabba is-sewqan eċċessiv.
15/12/2023 Biex jitranġa l-madum li nqala fil-Pjazza San Ġwann Battista hemm quddiem iz-zuntier u nħawi oħra.
15/12/2023 Biex jerġa jingħata ftit tarmak fejn kienu qalgħu siġra Triq Dun Grezz Farrugia għax niżel it-Tarmak.
15/12/2023 Hemm inspection quddiem 59, Triq Manwala u t-tarmak tal-madwar niżel biex jitranġa(reported with WSC) on 15/12/2023.
18/12/2023 Ġie rrapurtat li hemm żewġt Ħofriet fi Triq iċ-Ċnus għall-Patching.

## 63.9 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni ta' l-Iskeda ta' Pagamenti

63.9.1 Quddiem il-Kunsill tressqet l-iskeda ta' pagamenti biex ikunu approvati mill-Kunsill li kienet intbagħtet mal-Aġenda għall-attenzjoni tal-Kunsill. L-iskeda kif ippreżentata ġiet aċċettata. Kopja ta' din l-iskeda qed tinhemeż mal-minuti.

HS CA

## 63.10 Tmiem tal-Laqgħa u Data tas-Seduta li jmiss

63.10.1 Il-laqgħa ntemmet fis-19:27 Is-Sindku aġġorna l-laqgħa sine die.

Hubert Saliba

Sindku

Chrismar Xuereb

Deputat Segretarju Eżekuttiv